MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 81/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR C. GALEA SCANNURA**

**VS**

**CARMELO FARRUGIA**

**Illum 5 ta' Marzu 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmelo Farrugia ta’ 35 sena, bin Paul u Maria nata Caruana imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Settembru 1967, u residenti Redeemer, Triq Cappadoccia, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 371967 M;

Talli fl-14 ta’ Dicembru 2002, f’Haz-Zebbug, ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn hamsin lira u inqas minn hames mitt lira maltin u saret fuq vettura numru AAF 991 tal-marka Toyota ghad-dannu ta’ Mario Cilia.

Wara illi rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi imputat Carmelo Farrugia, hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tilliberah bil-kondizzjoni illi ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.  Din il-Qorti qeghda wkoll, a tenur ta’ l-Artikolu 11, tordna lill-istess imputat, sabiex ihallas l-ammont ta’ mija u tnejn u ghoxrin lira maltin (Lm122) lil Mario Cilia, fiz-zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------